MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 32/2017

L-Erbgħa 17 ta' Mejju 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

32.1.1 Is-Sindku qal illi s-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienet skużata u l-Kunsilliera preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

32.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nri. 29/07/2017, 30/07/2017 u 31/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

32.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

32.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

32.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

32.3.1 Is-Sindku qal illi kulħadd jaf bit-tħabbira tal-elezzjoni ġenerali u appella lill-membri sabiex ikomplu jaħdmu flimkien għall-ġid tar-raħal.

32.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nxtara l-melħ bħala prodott mill-lokalita ` tagħna biex jingħata lill-membri tal-Comune di Lanuvio matul il-viżta li ser issir rigward il-ġemellaġġ.

32.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

32.4.1 Chev C Saliba nforma lill-Kunsill illi huwa beda jipprepara x-xogħol ta' preparazzjoni kemm il-darba l-applikazzjoni tal-*Europe for Citizens* tiġi aċċettata. Huwa diġa ġab kwotazzjoni ta' €1,165 għat-trasport tal-ġranet kollha li jkunu hawn. Saret laqgħa fil-preżenza tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-sidien tar-*restaurants*/pizzeriji li għandna fiż-Żebbuġ

fejn ġie miftiehem il-prezz ta' €350 kull wieħed għall-*light lunch/snack*. Chev Saliba avviċina wkoll Hotel Calypso rigward l-akkomodazzjoni. Il-Viċi Sindku rringrazzjah tax-xogħol li qed iwettaq.

32.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

32.5.1 Ċirkulari Nru. 9/2017 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett Inizjattiva Finanzjarja – *Local Government Culture Fund*.

32.5.2 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat diversi rapporti ta' spezzjonijiet li saru madwar il-lokalita`. Il-Kunsill qabel illi jimplimenta l-bżonnijiet u bżonnijiet oħra relatati ma din iż-żjara bħal użu ta' sala tal-konferenzi u affarijiet oħra.

32.5.3

Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Dipartiment reġa ħatar lil J Cassar għal perjodu ta' 90 jum b'effett mit-30 ta' April 2017.

32.5.4

Korrispondenza mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet u Infrastruttura dwar informazzjoni ta' *reservoirs* li għandna fil-lokalita`. Il-Kunsill qabel illi jinforma lid-Dipartiment konċernat bil-Wied ta' Marsalforn u l-Wied ta' Klajru fil-limiti ta' Wied l-Infern.

32.5.5

Korrispondenza mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar pagamenti pendenti fil-konfront tas-Segretarju Eżekuttiv.

32.5.6

Il-Korporazzjoni EneMalta talbet lill-Kunsill sabiex isir *shifting* ta' bozza m'arblu ġdid li sar ħdejn nru. 5 fi Triq il-Kaċċaturi.

| | **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|---|
| 32.5.7 | Deryk Sacco<br>Għal attivita` soċjali nhar<br>il-Ħadd 4 ta' Ġunju 2017<br>fix-Xwejni. | Approvata. |
| 32.5.8 | Amelia and Goetz<br>Għal attivita` soċjali nhar | Approvata. |

is-Sibt 10 ta’ Ġunju 2017
fix-Xwejni.

32.5.9

Deryk Sacco — Approvata.
Għal attivita` soċjali nhar
il-Ħadd 25 ta’ Ġunju 2017
fix-Xwejni.

32.5.10

Denis Parnis — Approvata.
Għal attivita` soċjali nhar
is-Sibt 1 ta’ Lulju 2017
fi Triq il-Batterija, x-Xwejni.

32.5.11

Il-Kunsill qabel illi jagħmel ordni għall-istampar tal-ktieb Żebbuġ...Marsalforn Natura, Storja, Kultura ta’ Joe Bajada mill-istamperija Debono Print peress li x-xogħol kollu relatat mal-ktieb qiegħed għandu u ħruġ ta’ kwotazzjonijiet ser ikun ifisser spejjeħ aktar għal Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jixtri b’€1,160 f’kotba.

32.5.12

Il-Kunsill qabel illi jordna bandiera ċelesti sabiex tittella’ mal-arblu li hemm fi Triq Mons. Ġużeppi de Piro fl-okkażjoni tal-Festa tal-Patrun tal-lokalita` Santa Marija.

32.5.13

Il-Kunsill qabel illi jordna lampi ġodda li diġa kienu approvati f’dawn it-toroq:

- Triq il-Kaċċaturi;
- Triq Skapuċċina;
- Triq Santa Marija (Ħdejn l-Otters);
- Triq il-Wied; u
- Triq Manwel Magro.

32.5.14

Il-Kunsill qabel illi jitlob lil Ġanni Cini sabiex jirranġa l-bank li jinsab ħdejn il-Berġa fi Pjazza l-Assunta li ġie mkisser dan l-aħħar minn persuni mhux magħrufa.

32.5.15

Chev C Saliba ressaq suġġeriment dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fiż-Żebbuġ li s-sena d-dieħla ser tagħlaq 100 sena minn meta bdiet issir. Huwa qal illi Fr G Attard għamel *write-up* dwar dan u ikun tajjeb li dak li nkiteb relatat ma l-istorja taż-Żebbuġ l-Kunsill jieħu l-inizjattiva u jippubblikah. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment.

32.5.16

Is-Sindku qal illi avvicinah is-Sur M Pace fejn infurmah illi l-Kunsill ma tax tweġiba t'ittra li l-Avukat tiegħu bagħat lill-Kunsill datata 17 t'Awwissu 2016 dwar inċident li kellu bil-vettura ma' *bollard* fi Triq il-Munġbell f'Marsalforn fejn intalbet is-somma ta' €588.79 allegatament għad-danni li sofra. Il-Kunsill qabel illi ma ġie qatt infurmat b'din l-ittra u dan l-ilment qatt ma tressaq għal laqgħa. Il-Kunsill qabel illi jitlob rapport tal-pulizija ta' dan l-inċident sabiex tkun tista' ssir *claim* mal-*insurance* tal-Kunsill.

32.5.17

Għall-laqgħa attenda s-Sur M Cassar dwar żvilupp f'passaġġ tar-raba' li jiżbokka fi triq ġo Triq il-Ponta ma' Triq Dun Franġisk Portelli (PA 07033/16). Huwa spjega lill-Kunsill li dan il-permess hu ta' tħassib u dannu għal min għandu l-għelieqi fil-viċinanzi. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi jittieħed parir tekniku mingħand il-Perit tal-Kunsill dwar dan l-iżvilupp.

32.5.18

Għall-laqgħa attenda wkoll il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart fejn miegħu ġiet diskussa l-problema li għandu li ilha mis-sena 2012 dwar ir-rifjut min-naħa tal-Kunsill biex jiddaħħal l-iskart goff fl-impjant tal-Wasteserv. Il-kuntrattur spjega lill-Kunsill illi huwa qed iħallas l-ispejjez lill-Wasteserv dak li suppost iħallas il-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jikkuntattja lill-Wasteserv sabiex tagħtih kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejnu u l-Wasteserv dwar dan. Dan is-suġġett għandu jerġa' jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

32.5.19

Ilment 18/2017 – Chev C Saliba

Issuġġerixxa biex jitwaħħlu tabelli biex ma jintremax skart wara 'Panoramic Court' fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel illi jitwaħħlu t-tabelli ndikati mill-ħaddiema tal-Kunsill.

32.5.20

Ilment 19/2017 – is-Sur K Spiteri

Talab biex isiru dwal fi Triq l-Onice fejn kien sar *railing* ġdid. Is-Sindku qal illi suppost id-dawl kien maħsub għalih. Għandu jiġi kkuntattjat il-kuntrattur S Camilleri li kien għamel ix-xogħol biex jiċċekkja.

32.5.21

Ilment 20/2017 – is-Sur P Stones

Talab biex isiru *bins* tal-klieb wieħed fejn kienet it-*telephone box* fi Triq Skapuċċina u l-ieħor fil-kantuniera fejn joqgħod George Bottcher. Il-Kunsill ma qabilx.

32.5.22

Ilment 21/2017 – is-Sur L Cini

Talab sabiex l-ispejjeż involuti fl-inċident fi Pjazza l-Assunta mal-*bollards* jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jagħmel *claim* mal-*insurance*.

32.5.23 Ilment 22/2017 – is-Sur S Camilleri
Talab biex jinżabru l-bruk tax-Xwejni. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Agrikultura. Il-Kunsill qabel ukoll illi jiġu miżbura s-siġar tal-acaccia fi Triq il-Knisja.

32.5.24 Ilment 23/2017 – is-Sur V Cini
Ilmenta li l-grada li hemm fit-triq fejn joqgħod tħabbat meta tgħaddi karozza minn fuqha. Is-Sindku ssuġġerixxa illi jitpoġġew gradi tal-konkos minflok. Il-Kunsill qabel.

32.5.25 Ilment 24/2017 – is-Sur J G Debono
Ilmenta li nżebagħ fanal minn xi ħadd biex ma jkollux dawl dieħel fil-kmamar ta' daru. L-ewwel fanal fi Triq Dun Karm Cachia. Il-Kunsill qabel illi dan jitnaddaf mill-ħaddiema tal-Kunsill.

32.6 Il-proċess tal-ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid;

32.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, is-Sinjura Diane Tagliaferro bagħtet kopja t'ittra ndirizzata lid-Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn infurmatu li rriżenjat mill-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ Għawdex u dan b'effett mit-Tnejn 17 ta' April 2017.

32.6.2 Il-membri qablu li għandu jinbeda l-proċess sabiex toħroġ is-sejħa għal Segretarju Eżekuttiv ġdid.

32.6.3 Il-Viċi Sindku skuża ruħu u ħareġ mill-laqgħa minħabba mpenji oħra.

32.7 Sejħiet għall-offerti: Servizzi ta' Perit;

32.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi dan il-kuntratt ser jiskadi fil-21 ta' Lulju 2017. Il-Kunsill qabel illi joħroġ din l-offerta.

Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat

32.8 Amministrattiv;

32.8.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM24/2017 tat-Tlieta 28 ta' Marzu 2017 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

32.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-iskeda tal-pagamenti;

32.9.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 23/2017 – DOK A għall-perijodu bejn il-11 ta' April 2017 u t-12 ta' Mejju 2017 li tammonta għal €137,081.30 kienet approvata u ffirmata.

32.10 Mozzjonijiet;

32.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

32.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

32.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2017 fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Ġunju 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmata | Iffirmata |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |